# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/71

**tat-12 ta' Diċembru 2017**

**li teżenta l-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku fin-Netherlands mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE**

*(notifikata bid-dokument C(2017) 8339)*

**(It-test bl-Olandiż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 35(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat it-talba mressqa minn DONG Energy A/S (DONG), [2] Eneco B.V. (Eneco) u N.V. Nuon Energy (Nuon) (minn hawn 'il quddiem "l-Applikanti") permezz ta' ittra elettronika fit-30 ta' Jannar 2017,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv dwar l-Akkwist Pubbliku,

Billi:

### 1. L-KUNTEST FATTWALI

(1) Fit-30 ta' Jannar 2017, DONG, Eneco u Nuon ippreżentaw talba lill-Kummissjoni (minn hawn 'il quddiem "it-Talba"), skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2014/25/UE, permezz ta' ittra elettronika.

(2) It-Talba ppreżentata minn DONG, Eneco u Nuon, li huma meqjusa bħala entitajiet kontraenti fis-sens tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/25/UE, tikkonċerna kif deskritt fit-talba "l-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku".

(3) L-Applikanti huma "impriżi pubbliċi" fis-sens tad-Direttiva, peress li finalment huma kkontrollati minn awtoritajiet tal-Istat, u minn awtoritajiet reġjonali jew lokali:

(a) DONG tagħmel parti minn DONG Energy group. Mit-total tal-ishma tal-kumpanija azzjonarja aħħarija DONG Energy, bħalissa 50,4 % huma miżmuma mir-Renju tad-Danimarka, li għandu kontroll esklużiv. Sa dan l-aħħar, ir-Renju tad-Danimarka kellu kontroll konġunt flimkien ma' Goldman Sachs [3], iżda f'IPO li saret fid-9 ta' Ġunju 2016, ir-Renju tad-Danimarka naqqas l-ishma tiegħu minn 58,8 %, iżda kiseb il-kontroll esklużiv ta' DONG. Skont ftehim politiku b'maġġoranza tal-Parlament Daniż, ir-Renju tad-Danimarka għandu jżomm il-maġġoranza tal-ishma tal-inqas sal-2020.

(b) Eneco hija kkontrollata minn Eneco Holding B.V. L-ishma ta' Eneco Holding B.V. huma miżmuma minn 53 muniċipalità, li jinsabu prinċipalment fil-provinċji Netherlandiżi tal-Olanda tan-Nofsinhar, tal-Olanda tat-Tramuntana, Utrecht u Friesland.

(c) L-ishma ta' Nuon huma miżmuma minn Vattenfall AB. Vattenfall AB hija kumpanija mhux elenkata, 100 % proprjetà tal-istat Żvediż.

[1] ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243.
[2] Dan jinkludi l-attivitajiet ta':
1. (Is-sussidjarji ta') DONG Energy Wind Power A/S, li hija sussidjarja 100 % indiretta ta' DONG. Din l-entità hija wkoll dik li ppreżenta formalment it-talba għall-eżenzjoni f'isem DONG.
2. DONG Energy Netherlands B.V., li indirettament għandha sehem ta' 50 % fl-impjant tal-enerġija Enecogen
[3] Ara l-Kawża Nru COMP/M.7068.

(4) Billi t-Talba ma kinetx akkumpanjata minn pożizzjoni adottata minn awtorità nazzjonali indipendenti fis-sens tal-Artikolu 35(2) tad-Direttiva 2014/25/UE, il-Kummissjoni għarrfet lill-awtoritajiet tan-Netherlands dwar it-Talba u talbet ukoll informazzjoni addizzjonali permezz tal-ittra elettronika tal-24 ta' Marzu 2017. It-tweġiba għal din it-talba għall-informazzjoni ġiet ippreżentata mill-awtoritajiet tan-Netherlands permezz tal-ittra elettronika tad-19 ta' Ġunju 2017. It-tweġiba kienet meqjusa bħala mhux kompluta u wasslet biex il-Kummissjoni talbet aktar kjarifiki fis-27 ta' Lulju 2017, li l-awtoritajiet tan-Netherlands ipprovdew fil-25 ta' Settembru 2017.

(5) Minħabba l-fatt li t-tweġibiet għat-talba għall-informazzjoni ma kinux waslu sad-data tal-iskadenza stabbilita mill-Kummissjoni, il-limitu taż-żmien biex tittieħed deċiżjoni kien sospiż matul il-perjodu bejn id-data tal-iskadenza stabbilita fit-talba għall-informazzjoni (is-17 ta' April 2017), u d-data li fiha waslet l-informazzjoni kompluta (il-25 ta' Settembru 2017), għalhekk id-data tal-iskadenza l-ġdida għall-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni saret it-12 ta' Diċembru 2017.

## 2. **IL-QAFAS ĠURIDIKU**

(6) Id-Direttiva 2014/25/UE tapplika għall-għoti ta' kuntratti għat-twettiq ta' attivitajiet relatati mal-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku, sakemm din l-attività ma tkunx eżentata skont l-Artikolu 34 ta' dik id-Direttiva.

(7) L-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE jistipula li l-kuntratti maħsuba biex jippermettu t-twettiq ta' waħda mill-attivitajiet li għalihom tapplika d-Direttiva ma għandhomx ikunu soġġetti għad-Direttiva jekk, fl-Istat Membru fejn din titwettaq, l-attività hija esposta direttament għal kompetizzjoni fi swieq fejn l-aċċess mhuwiex ristrett. L-esponiment dirett għall-kompetizzjoni huwa vvalutat abbażi ta' kriterji oġġettivi, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur ikkonċernat.

## 3. **VALUTAZZONI**

### 3.1. **Aċċess liberu għas-suq**

(8) L-aċċess jitqies bħala mhux ristrett jekk l-Istat Membru jkun implimenta u applika l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, li tiftaħ settur partikolari jew parti minnu. Din il-leġiżlazzjoni hija elenkata fl-Anness III tad-Direttiva 2014/25/UE. Għas-settur tal-elettriku, din tirreferi għad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(9) In-Netherlands ittrasponew id-Direttiva 2009/72/KE fil-Liġi nazzjonali permezz tal-Att dwar l-Elettriku tan-Netherlands tal-1998 ([2]) (*Elektriciteitswet*). Konsegwentement, u skont l-Artikolu 34(1), jenħtieġ li l-aċċess għas-suq jitqies bħala mhux ristrett għat-territorju kollu tan-Netherlands.

### 3.2. **Esponiment dirett għall-kompetizzjoni**

(10) Jenħtieġ li l-esponiment dirett għall-kompetizzjoni jiġi evalwat abbażi ta' indikaturi differenti, li l-ebda wieħed minnhom mhu minnu nnifsu deċiżiv. Fir-rigward tas-swieq li tikkonċernahom din id-Deċiżjoni, is-sehem mis-suq tal-atturi ewlenin f'suq partikolari huwa kriterju wieħed li għandu jitqies. Fid-dawl tal-karatteristiċi tas-swieq ikkonċernati, jenħtieġ li jitqiesu wkoll aktar kriterji.

(11) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr ħsara għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni u oqsma oħra tad-dritt tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-kriterji u l-metodoloġija użati biex jiġi vvalutat l-esponiment dirett għall-kompetizzjoni skont l-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE mhumiex neċessarjament identiċi għal dawk użati biex titwettaq valutazzjoni skont l-Artikolu 101 jew 102 tat-Trattat jew tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([3]). Dan il-punt ġie kkonfermat ukoll mill-Qorti Ġenerali f'sentenza reċenti ([4]).

---

([1]) Id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55).
([2]) Wet van 12-7-2012, Stb. 2012, 334 en Inwerkingtredingsbesluit van 12-7-2012, Stb. 2012, 336.
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).
([4]) Is-Sentenza tas-27 ta' April 2016, Österreichische Post AG v. il-Kummissjoni, T-463/14, EU:T:2016:243, il-paragrafu 28.

(12) Wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li tistabbilixxi jekk is-servizzi kkonċernati mit-Talba humiex esposti għal tali livell ta' kompetizzjoni (fis-swieq li l-aċċess għalihom mhuwiex ristrett skont it-tifsira tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE) li jiżgura li, anki fin-nuqqas tad-dixxiplina miġjuba mir-regoli dettaljati tal-akkwist stabbiliti fid-Direttiva 2014/25/UE, l-akkwist għat-twettiq tal-attivitajiet ikkonċernati jsir b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju abbażi ta' kriterji li jippermettu li x-xerrejja jidentifikaw is-soluzzjoni li b'mod ġenerali tkun l-aktar waħda vantaġġuża ekonomikament. F'dan il-kuntest, huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu li, fis-suq ikkonċernat, mhux l-atturi kollha tas-suq huma soġġetti għar-regoli tal-akkwist pubbliku ([1]). Għalhekk, il-kumpaniji li mhumiex soġġetti għal dawk ir-regoli, meta jaġixxu f'dawk is-swieq, ikollhom il-possibbiltà li jeżerċitaw pressjoni kompettitiva fuq l-atturi tas-suq li huma soġġetti għar-regoli tal-akkwist pubbliku.

3.2.1. *Definizzjoni tas-suq tal-prodott*

(13) Skont il-Kawża preċedenti tal-Kummissjoni COMP M.4110 E.ON — ENDESA tal-25 ta' April 2006 ([2]), is-swieq tal-prodotti rilevanti li ġejjin setgħu jiġu osservati fis-settur tal-elettriku: (i) il-ġenerazzjoni u l-provvista bl-ingrossa; (ii) it-trażmissjoni; (iii) id-distribuzzjoni u (iv) il-provvista bl-imnut. Filwaqt li wħud minn dawn is-swieq jistgħu jkunu suddiviżi aktar, sal-lum il-prassi ([3]) preċedenti tal-Kummissjoni ċaħdet id-distinzjoni bejn suq tal-ġenerazzjoni tal-elettriku u suq tal-provvista bl-ingrossa billi l-ġenerazzjoni fil-fatt hija biss l-ewwel stadju fil-katina tal-valur, iżda l-volumi tal-elettriku ġġenerati huma kummerċjalizzati permezz tas-suq bl-ingrossa.

(14) It-Talba minn DONG, Eneco u Nuon tikkonċerna l-ġenerazzjoni tal-elettriku u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku.

(15) L-Awtorità Netherlandiża għall-Konsumaturi u s-Swieq (*Autoriteit Consument & Markt* ACM) tqis li l-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku jinkludu l-ġenerazzjoni kemm minn sorsi konvenzjonali kif ukoll minn sorsi rinnovabbli ([4]). F'dan il-każ, l-ACM osservat li l-enerġija tar-riħ hija parti mis-suq għall-bejgħ bl-ingrossa u għall-produzzjoni tal-elettriku ([5]). Din żiedet li l-elettriku ġġenerat mir-riħ qed jiġi nnegozjat fl-istess swieq tal-elettriku prodott minn sorsi oħra ([6]). Għalhekk, l-ACM iddeċidiet li ma tagħmilx valutazzjoni separata tal-bejgħ bl-ingrossa tal-enerġija mir-riħ.

(16) L-Applikanti jqisu li s-sitwazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli fin-Netherlands hija differenti mis-sitwazzjoni fil-Ġermanja u fl-Italja rispettivament. Skont l-Applikanti, l-elettriku minn sorsi rinnovabbli fin-Netherlands huwa soġġett għall-forzi tas-suq u għalhekk huwa interskambjabbli mal-elettriku minn sorsi konvenzjonali. F'dan ir-rigward, l-Applikanti jinnotaw li kull kumpanija tal-enerġija attiva fin-Netherlands għandha kumpanija kummerċjali. Il-kumpaniji kummerċjali jużaw l-attivitajiet kummerċjali biex jakkwistaw l-elettriku bi produzzjoni proprja u fis-suq sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom lejn il-klijenti fis-swieq bl-imnut. Fi ħdan dan il-portafoll kummerċjali, l-elettriku minn sorsi rinnovabbli huwa kompletament interskambjabbli mal-enerġija minn sorsi konvenzjonali. Jekk jiksbu l-enerġija fis-suq, il-kumpaniji kummerċjali jixtru l-elettriku mis-swieq spot tal-kambju tal-enerġija, iżda anki permezz ta' ftehimiet bilaterali bħall-Ftehimiet għax-Xiri tal-Enerġija (PPA). Il-kumpaniji kummerċjali jidħlu f'PPAs ma' produtturi ta' enerġija minn sorsi konvenzjonali kif ukoll ma' produtturi ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli. Il-kumpaniji kummerċjali tal-kumpaniji tal-enerġija jikkompetu għall-bejgħ tal-PPAs mal-produtturi tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli li jbigħuh lill-partijiet tas-suq. L-Operatur tas-Sistema ta' Trażmissjoni (TSO) ma jakkwista l-ebda produzzjoni minn sorsi rinnovabbli. Għalhekk, skont l-Applikanti, il-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli hija tabilħaqq soġġetta għall-forzi tas-suq, li jfisser li mhijiex meħtieġa ssegwi r-regoli Ewropej tal-akkwist pubbliku.

(17) L-Applikanti jżidu li l-qafas legali għall-produtturi tal-elettriku minn sorsi konvenzjonali u dawk minn sorsi rinnovabbli huwa simili. Fil-fehma tagħhom, l-unika differenza sinifikanti hija s-sussidju riċevut mill-ġeneraturi tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli, maħsub biex ikopri d-differenza bejn il-kost tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli u l-prezz tas-suq. L-iskema ta' sussidju stabbilita fin-Netherlands hija magħrufa bħala Stimulering Duurzame Energieproductie (SDE+).

---

([1]) Skont it-Talba, Delta, DONG, EDF, Eneco u Nuon biss huma entitajiet kontraenti fis-sens tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/25/UE, li għaldaqstant huma soġġetti għar-regoli tal-akkwist pubbliku.

([2]) Il-Kawża COMP M.4110 E.ON – ENDESA, tal-25 ta' April 2006, il-paragrafi 10 u 11, p. 3.

([3]) Il-Kawża COMP/M.3696 E.ON – MOL tal-21 ta' Jannar 2005, il-paragrafu 223, il-Kawża COMP/M.5467, RWE- ESSENT tat-23 ta' Ġunju 2009, il-paragrafu 23.

([4]) Id-Deċiżjoni tal-ACM il-Kawża 6015 Nuon/Essent tal-21 ta' Mejju 2007, il-paragrafu 53.

([5]) Nuon/Essent, il-paragrafi 14, 174.

([6]) Barra minn hekk, l-ACM innotat li, għall-utenti aħħarin, is-sors preċiż tal-elettriku ma għadux traċċabbli. Jista' jkun hemm ċertu grad ta' traċċabilità relatat mal-garanziji tal-oriġini, iżda l-elettriku nnifsu li l-klijenti (aħħarin) jixtru għad mhuwiex traċċabbli sas-sors.

(18) Fl-2012, il-Kummissjoni ħarġet deċiżjonijiet ta' eżenzjoni fir-rigward tas-swieq tal-elettriku Ġermaniżi u Taljani [1]. Għall-Ġermanja, il-Kummissjoni kkunsidrat li "l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-elettriku rregolati skont l-EEG" mhumiex parti mis-"suq għall-ġenerazzjoni u l-ewwel bejgħ tal-elettriku prodott minn sorsi konvenzjonali" għaliex l-"EEG normalment ma jinbiegħx direttament fis-suq tal-operaturi iżda l-ewwel jinxtara mill-operaturi tal-grid ta' trażmissjoni b'rata ta' ħlas statutorja". Bl-istess mod, għall-Italja l-Kummissjoni kkunsidrat li s-suq għall-"produzzjoni u l-bejgħ fil-livell ta' operaturi ta' elettriku ġġenerat minn sorsi rinnovabbli" huwa distint minn dak tas-"suq għall-produzzjoni u l-bejgħ fil-livell ta' operaturi ta' elettriku ġġenerat minn sorsi konvenzjonali" għaliex il-"bejgħ tal-elettriku ġġenerat minn sorsi rinnovabbli li huma soġġetti għall-mekkaniżmi CIP 6 u FIT, isir l-iktar permezz tal-Operatur tas-Servizzi tal-Enerġija". Ir-raġunijiet prinċipali li skonthom il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bħal din kienu, essenzjalment, il-fatt li l-prodotturi tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli jbigħu l-produzzjoni tagħhom lil entità mhux tas-suq (Operatur tas-Sistema ta' Trażmissjoni — TSO fil-Ġermanja u l-Amministratur tas-Servizzi tal-Enerġija — (Gestore dei Servizi Energetici — GSE) fl-Italja). Kunsiderazzjonijiet addizzjonali mressqa f'dawn iż-żewġ preċedenti kienu: (i) enerġija rinnovabbli bi prijorità feed-in; (ii) rata ta' ħlas statutorja. Il-Kummissjoni qalet li għaldaqstant fil-Ġermanja u fl-Italja, il-ġenerazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ma kinitx soġġetta għall-forzi tas-suq.

(19) F'dan il-każ, il-produtturi tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli jbigħu l-elettriku tagħhom direttament fis-suq bl-ingrossa, f'kompetizzjoni ma' produtturi tal-elettriku minn sorsi konvenzjonali.

(20) Barra minn hekk, l-Att dwar l-Elettriku tan-Netherlands ma jagħtix mandat lill-prijorità feed-in għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli. L-aċċess prijoritarju għall-enerġija rinnovabbli huwa previst fir-regoli tal-amministrazzjoni tal-konġestjoni u japplika biss f'każ ta' konġestjoni fil-grilja. Madankollu, ta' min jinnota li f'dawn l-aħħar snin ma kien hemm l-ebda kwistjonijiet dwar il-ġestjoni tal-konġestjoni fin-Netherlands.

(21) L-uniku element komuni mal-preċedenti Ġermaniż u Taljan jirrigwarda r-rata ta' remunerazzjoni statutorja. Madankollu, għandu jiġi nnutat li anke dan l-element jippreżenta differenzi sinifikanti meta mqabbel ma' dawn iż-żewġ preċedenti. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li l-allokazzjoni tas-sussidju SDE+ hija esposta għall-kompetizzjoni permezz ta' proċess ta' offerti, li jiddixxiplina l-imġiba tal-produtturi tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli fir-rigward tal-politika tal-akkwist tagħhom [2]. Tabilħaqq, taħt l-iskema tas-sussidju SDE+, proġetti b'teknoloġiji rinnovabbli differenti jridu jikkompetu għal ammont determinat minn qabel ta' fondi disponibbli. Dik il-kompetizzjoni hija teknoloġikament newtrali. Il-proġetti u/jew it-teknoloġiji li jippreżentaw l-offerta bl-irħas prezz se jkunu l-ewwel li jirċievu sussidju, sakemm ma jkunx fadal iżjed fondi għas-sussidju. Għalhekk, is-sistema Netherlandiża SDE+ tixpruna offerti kompetittivi, filwaqt li l-kompetituri jippruvaw jimminimizzaw il-kostijiet tagħhom (u b'hekk il-valur tas-sussidju).

(22) Għalhekk, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-produtturi tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli fin-Netherlands huma soġġetti għal limitazzjonijiet kompetittivi.

(23) Filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tas-suq tal-elettriku Netherlandiż, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 34(1) tad-Direttiva 2014/25/UE, u bla ħsara għal-liġi tal-kompetizzjoni, is-suq rilevanti tal-prodott huwa b'dan definit bħala s-suq għall-ġenerazzjoni u għall-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku prodott kemm minn sorsi konvenzjonali u kemm minn sorsi rinnovabbli.

3.2.2. *Definizzjoni tas-suq ġeografiku*

(24) Skont l-applikazzjoni, it-talba għandha x'taqsam mal-attivitajiet fit-territorju tan-Netherlands.

(25) Fid-deċiżjoni tagħha dwar *RWE/Essent* [3], il-Kummissjoni qieset li l-ambitu ġeografiku tas-suq kien daqs il-Ġermanja u n-Netherlands (għas-sigħat kwieti) u nazzjonali (għas-sigħat bl-aktar traffiku), jew nazzjonali (għas-sigħat kollha) — jiġifieri skont jekk issirx distinzjoni ulterjuri bejn is-sigħat kwieti u s-sigħat bl-aktar traffiku [4].

[1] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/218/UE tal-24 ta' April 2012 li teżenta l-produzzjoni u l-bejgħ fil-livell tal-operaturi tal-elettriku prodott minn sorsi konvenzjonali fil-Ġermanja mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (ĠU L 114, 26.4.2012, p. 21) u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/539/UE tas-26 ta' Settembru 2012 li teżenta l-produzzjoni u l-bejgħ fil-livell ta' operaturi ta' elettriku ġġenerat minn sorsi konvenzjonali fil-Makrożona tat-Tramuntana u l-Makrożona tan-Nofsinhar fl-Italja mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/403/UE (ĠU L 271, 5.10.2012, p. 4).

[2] Fl-2015, l-iskema tas-sussidju SDE+, tqieset kompatibbli mar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-istat, billi tillimita għal livell minimu d-distorsjoni tal-kompetizzjoni — Ara SA.39399 (2015/N).

[3] Il-Kawża COMP/M.5467, C(2009) 5177.

[4] RWE/Essent, il-paragrafu 32.

(26) Fil-Kawża *Nuon-Reliant*, l-AMC osservat li s-suq għall-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku tal-inqas għandu ambitu nazzjonali ([1]). L-ACM qieset il-pressjoni kompetittiva tal-importazzjonijiet. L-ACM osservat li s-suq ġeografiku tal-inqas għas-sigħat kwieti jkopri n-Netherlands u l-Ġermanja ([2]). Madankollu, l-ACM innotat ukoll li waqt domanda għolja, il-pressjoni kompetittiva tal-importazzjonijiet kienet ristretta minħabba l-kapaċità limitata tal-interkonnessjoni. L-ACM osservat li kien hemm korrelazzjoni limitata bejn il-prezzijiet fin-Netherlands u dawk fil-Ġermanja.

(27) Tabilħaqq l-ACM irreferiet għal indikazzjonijiet li s-suq ġeografiku jista' jkun usa' minn dak nazzjonali matul is-sigħat bl-aktar traffiku wkoll. L-ACM bassret li dak ikun il-każ kieku l-kapaċità tal-importazzjoni effettivament disponibbli kellha tiżdied għal tal-inqas 6 500 MW ([3]). Minbarra n-Netherlands, dak is-suq ikun jinkludi wkoll il-Ġermanja jew il-Belġju. Mhux hekk biss, f'każ li jkun hemm suq għal "sigħat bi traffiku għoli ħafna" (super peak) (li fl-aħħar mill-aħħar l-ACM ħalliet bħala possibbiltà) ([4]), is-suq ġeografiku jkun jinkludi tal-inqas in-Netherlands u l-Ġermanja kieku l-kapaċità tal-importazzjoni effettivament disponibbli kellha tiżdied għal tal-inqas 8 250 MW ([5]).

(28) Mid-deċiżjoni tal-kawża *Nuon/Essent*, kien hemm diversi proġetti bl-għan li jżidu l-kapaċità ta' interkonnessjoni minn u lejn in-Netherlands. Il-kejbil NorNed bejn in-Norveġja u n-Netherlands ilu jiffunzjona mill-2008 b'kapaċità ta' 700 MW. Il-kejbil BritNed bejn il-Gran Brittanja u n-Netherlands ilu jiffunzjona mill-2011 b'kapaċità ta' 1 000 MW. Għaddejjin ħafna proġetti oħra:

| Fruntiera | Interkonnettur | Kapaċità (MW) | Mibni |
|---|---|---|---|
| Il-Ġermanja | Doetinchem-Wesel (ġdid) | 1 500 | 2016 (dħul fis-servizz fl-2018) |
| Il-Ġermanja | Meeden-Diele (tkabbir) | 500 | 2018 |
| Id-Danimarka | COBRA | 700 | 2019 |
| Il-Belġju | Kreekrak-Zandvliet | 700-900 | 2021 |

(29) Iż-żieda sinifikanti fil-kapaċità tal-interkonnessjoni bejn in-Netherlands u l-pajjiżi ġirien x'aktarx kellha impatt favorevoli fuq il-kompetizzjoni fis-suq tal-ġenerazzjoni tal-elettriku tan-Netherlands.

(30) Il-Kummissjoni tinnota l-importanza dejjem akbar tal-importazzjonijiet fuq is-suq tal-ġenerazzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku tan-Netherlands u hija tal-fehma li, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 34(1) tad-Direttiva 2014/25/UE, u bla preġudizzju għal-liġi tal-kompetizzjoni, is-suq tal-ġenerazzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku tan-Netherlands jenħtieġ li jitqies li tal-inqas għandu ambitu nazzjonali.

### 3.2.3. *Analiżi tas-suq*

#### (a) Ishma tas-suq

(31) F'deċiżjonijiet preċedenti ([6]), il-Kummissjoni qieset li, fir-rigward tas-suq tal-produzzjoni u tal-bejgħ bl-ingrossa, is-sehem akkumulat fis-suq tal-akbar tliet impriżi huwa rilevanti. Madankollu, peress li mhux l-atturi kollha tas-suq huma soġġetti għar-regoli tal-akkwist pubbliku, l-analiżi tiffoka fuq il-pożizzjoni tas-suq u d-diffikultajiet kompetittivi min-naħa tal-atturi individwali tas-suq soġġetti għar-regoli tal-akkwist pubbliku. Jistgħu jitqiesu rilevanti wkoll miżuri oħra ta' konċentrazzjoni.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-ACM fil-Kawża 5098/E.ON–NRE; Id-Deċiżjoni tal-ACM fil-Kawża 3386/Nuon – Reliant Energy Group.
([2]) Vision document [on] concentrations [in the] energy markets', ippubblikat f'Novembru 2006 mill-Awtorità Netherlandiża għall-Kompetizzjoni (NMa), il-paragrafu 139.
([3]) Idem, il-paragrafu 139.
([4]) Idem, il-paragrafi 29, 72 u definizzjoni preċedenti fil-kawża Nuon/Reliant fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4: "*Super peak is the electricity needed on working days between 8:00 and 20:00*" (traffiku għoli ħafna huwa l-elettriku meħtieġ fil-jiem tax-xogħol bejn it-8:00 u t-20:00).
([5]) Idem, il-paragrafu 139. Nuon/Essent, il-paragrafu 91.
([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/218/UE u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/539/UE.

(32) Fi Frar 2015, l-Uffiċċju Ċentrali tal-Istatistika tan-Netherlands (*Centraal Bureau voor de Statistiek*, minn hawn 'il quddiem is-"CBS"), ħareġ rapport dwar is-suq tal-elettriku fin-Netherlands ([1]). Skont ir-rapport, il-kapaċità installata fin-Netherlands kienet ta' madwar 31,5 GW, li minnha 20,1 GW kienet kapaċità installata ċentralizzata u 11,5 GW kienet kapaċità installata deċentralizzata. Il-produzzjoni ċentrali hija ddefinita bħala produzzjoni tal-elettriku minn sorsi termali jew impjanti nukleari li jfornu direttament fil-grilja ta' vultaġġ għoli. Kull produzzjoni oħra tal-elettriku tissejjaħ produzzjoni deċentralizzata, minn installazzjonijiet termali, mill-enerġija tar-riħ, mill-enerġija tal-ilma u mill-enerġija solari.

*Tabella 1*

**Kapaċità installata (MW u n-numru ta' stallazzjonijiet) fl-2012, fl-2013 u fl-2014**

| | 2012 (MW) | 2012 (numru) | 2013 (MW) | 2013 (numru) | 2014 (MW) | 2014 (numru) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Ċentralizzata | 19 025 | 48 | 20 132 | 50 | 21 515 | 49 |
| Deċentralizzata | 10 905 | 6 405 | 11 408 | 6 451 | 11 799 | 6 445 |
| **Totali** | **29 930** | **6 453** | **31 540** | **6 501** | **33 314** | **6 494** |

(*Sors:* CBS).

(33) L-Applikanti jipprovdu wkoll iċ-ċifri tal-produzzjoni tagħhom stess, inkluż separazzjoni bejn il-produzzjoni tal-enerġija elettrika konvenzjonali u dik rinnovabbli. It-tabella turi li l-produzzjoni ġenerali naqset bil-mod, filwaqt li l-ishma ta' DONG u Eneco fil-produzzjoni ġenerali żdiedu bil-mod. Il-produzzjoni ġenerali ta' Nuon baqgħet relattivament stabbli. Flimkien, l-Applikanti għandhom sehem approssimattiv ta' anqas minn 20 % tal-ġenerazzjoni globali. Is-sehem konġunt tagħhom mis-suq mhuwiex differenti b'mod sinifikanti bejn il-ġenerazzjoni ta' enerġija konvenzjonali u dik rinnovabbli.

*Tabella 2*

**Ġenerazzjoni tal-enerġija elettrika, rinnovabbli u konvenzjonali (miljuni ta' MWh), 2011-2015 (dejta provviżorja)** ([1]) **l-ishma tas-suq bejn il-parenteżi**

| Ġenerazzjoni | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 |
|---|---|---|---|---|---|
| *Ġenerazzjoni* | *113 000* | *102 500* | *100 900* | *103 400* | *109 600* |
| Dong | 500 (0,5 %) | 600 (0,6 %) | 500 (0,5 %) | 1 300 (1,2 %) | 1 300 (1,2 %) |
| Eneco | 1 500 (1,3 %) | 2 200 (2,2 %) | 1 500 (1,5 %) | 2 600 (2,5 %) | 4 900 (4,4 %) |
| Nuon | 13 400 (11,9 %) | 13 100 (12,8 %) | 17 100 (17 %) | 13 900 (13,4 %) | 13 700 (12,5 %) |
| Oħrajn | 97 500 (86,3 %) | 86 600 (84,5 %) | 81 800 (81 %) | 85 700 (82,8 %) | 89 700 (81,8 %) |
| *Konvenzjonali* | *101 000* | *90 000* | *88 900* | *91 600* | *96 400* |
| Dong | […] (*) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| Eneco | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| Nuon | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| Oħrajn | 86 900 (86,1 %) | 75 500 (83,9 %) | 71 400 (80,3 %) | 75 900 (82,9 %) | 79 400 (82,3 %) |

([1]) Centraal Bureau voor de Statistiek, "Elektriciteit in Nederland", Frar 2015, ara https://www.cbs.nl/nl-nl/publicatie/2015/07/elektriciteit-in-nederland

| Ġenerazzjoni | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 |
|---|---|---|---|---|---|
| *Rinnovabbli* | *12 000* | *12 500* | *12 000* | *11 800* | *13 200* |
| Dong | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| Eneco | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| Nuon | (…) | (…) | (…) | (…) | (…) |
| Oħrajn | 10 600 (88,4 %) | 11 100 (88,5 %) | 10 400 (86,4 %) | 9 800 (82,7 %) | 10 300 (77,9 %) |

(*) Informazzjoni kunfidenzjali.
([1]) http://statline.cbs.nl/Statweb/publication/?DM=SLNL&PA=00377&D1=a&D2=701,712,714-715,718,729,731-732&HDR=G1&STB=T&VW=T (*Sors:* CBS).

(34) Fil-25 ta' Settembru 2017, l-awtoritajiet tan-Netherlands ipprovdew dejta addizzjonali. Din tinsab miġbura fil-qosor fit-tabella hawn taħt.

| Operatur | Sehem mis-suq | 2013 | 2014 | 2015 |
|---|---|---|---|---|
| Delta | Produzzjoni:<br>Kapaċità: | (…) | (…) | (…) |
| DONG | Produzzjoni:<br>Kapaċità: | (…) | (…) | (…) |
| FEŻ | Produzzjoni:<br>Kapaċità: | (…) | (…) | (…) |
| Eneco | Produzzjoni:<br>Kapaċità: | (…) | (…) | (…) |
| NUON | Produzzjoni:<br>Kapaċità: | (…) | (…) | (…) |

(35) Id-dejta pprovduta kemm mill-Applikanti ([1]) kif ukoll mill-awtoritajiet tan-Netherlands turi li produtturi oħrajn tal-elettriku, li flimkien għandhom sehem tas-suq kumulattiv ta' bejn 70 % u 80 %, mhumiex soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar l-akkwist.

(36) L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li jkun stabbilit jekk l-attivitajiet mill-ġenerazzjoni u mill-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku humiex esposti għal tali livell ta' kompetizzjoni (fis-swieq li għalihom l-aċċess huwa bla ħlas) li jkun jiżgura li, anki fin-nuqqas tad-dixxiplina introdotta mir-regoli dettaljati dwar l-akkwisti kif stipulati fid-Direttiva 2014/25/UE, l-akkwist għat-twettiq tal-attivitajiet ikkonċernati jitwettaq b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju abbażi tal-kriterji li jippermettu lill-entità kontraenti li tidentifika s-soluzzjoni li b'mod ġenerali tkun l-aktar waħda vantaġġuża ekonomikament.

(37) Fir-rigward tal-ġenerazzjoni u tal-provvista bl-ingrossa tal-elettriku, il-fatti hawn fuq jistgħu jitqiesu bħala indikazzjoni ta' esponiment dirett għall-kompetizzjoni tal-atturi fis-suq, li huma koperti mid-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar l-akkwist.

([1]) Skont it-Talba, it-taqsima 5.2.3.

(b) Fatturi oħra

(38) Il-livell ta' importazzjonijiet fin-Netherlands huwa ta' 28 % tal-provvista u l-konsum totali. Dan pereżempju huwa ogħla mill-importazzjonijiet tal-elettriku fl-Italja (13,4 %) meta ġie vvalutat is-suq tal-ġenerazzjoni tal-elettriku Taljan ([1]). Il-Kummissjoni sabet li dawn l-importazzjonijiet kellhom effett prokompetittiv, u jistgħu biss jitjiebu aktar hekk kif tkun disponibbli kapaċità ta' interkonnessjoni addizzjonali. Il-kobor tal-importazzjonijiet fis-suq tan-Netherlands jkompli jsaħħaħ l-konklużjoni li l-entitajiet kontraenti li joperaw fis-suq tal-ġenerazzjoni tal-elettriku tan-Netherlands huma esposti għall-kompetizzjoni.

(39) Il-grad ta' likwidità fis-suq tal-enerġija bl-ingrossa, kif analizzat mill-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni (l-ACM ([2])), u l-funzjonament tal-ibbilanċjar tas-suq tan-Netherlands ma jopponux il-konklużjoni li l-entitajiet kontraenti li joperaw fis-suq tal-produzzjoni tan-Netherlands huma esposti għall-kompetizzjoni.

## 4. **KONKLUŻJONIJIET**

(40) Fid-dawl tal-fatturi eżaminati hawn fuq, jenħtieġ li l-kundizzjoni ta' esponiment dirett għall-kompetizzjoni stabbilita fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE titqies li hija ssodisfata fir-rigward tal-entitajiet kontraenti b'relazzjoni mal-produzzjoni u mal-provvista bl-ingrossa tal-elettriku fin-Netherlands.

(41) Barra minn hekk, billi qed jitqies li ġiet issodisfata l-kundizzjoni tal-aċċess mhux ristrett għas-suq, jenħtieġ li d-Direttiva 2014/25/UE ma tkunx tapplika meta l-entitajiet kontraenti jagħtu kuntratti maħsubin biex jippermettu li jitwettqu l-produzzjoni u l-provvista bl-ingrossa tal-elettriku fin-Netherlands u lanqas meta jorganizzaw konkorsi ta' disinn biex issir tali attività f'dik iż-żona ġeografika.

(42) Din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq is-sitwazzjoni legali u fattwali minn Jannar 2017 sa Novembru 2017 kif jidher mill-informazzjoni mogħtija mill-Applikanti u mill-Awtoritajiet tan-Netherlands. Din tista' tiġi riveduta, f'każ li l-kundizzjonijiet għall-applikabbiltà tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE ma jibqgħux jiġu ssodisfati, wara bidliet sinifikanti fis-sitwazzjoni legali jew fattwali.

(43) Jitfakkar li l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) jistipula eżenzjoni mill-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva għal konċessjonijiet mogħtija minn entitajiet kontraenti fejn, għall-Istat Membru li fih ikunu se jitwettqu l-konċessjonijiet, ikun ġie stabbilit skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2014/25/UE li l-attività hija esposta direttament għall-kompetizzjoni f'konformità mal-Artikolu 34 ta' dik id-Direttiva. Billi ġie konkluż li l-attività tal-produzzjoni u tal-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku hija soġġetta għall-kompetizzjoni, il-kuntratti ta' konċessjoni maħsubin biex jippermettu t-twettiq ta' dawk l-attivitajiet fin-Netherlands se jkunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/23/UE.

(44) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv għall-Kuntratti Pubbliċi,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2014/25/UE ma għandhiex tapplika għall-kuntratti mogħtija minn entitajiet kontraenti u maħsubin biex jippermettu l-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku fin-Netherlands.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/403/UE tal-14 ta' Lulju 2010 li teżenta l-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku fil-Makro Żona Tramuntana fl-Italja u l-bejgħ bl-imnut tal-elettriku lil klijenti finali mqabbdin mal-grid ta' vultaġġ medju, għoli u għoli ħafna fl-Italja, mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (ĠU L 186, 20.7.2010, p. 44), il-premessa 11.

([2]) Fl-aktar rapport reċenti tagħha dwar il-likwidità, ippubblikat fl-2014, l-ACM ikkonkludiet li l-likwidità tas-suq bl-ingrossa tal-elettriku (eż. iżjed volumi nnegozjati, inqas volatilità tal-prezzijiet u differenza iżgħar bejn il-prezz tat-talba u dak tal-offerta) jidher li żdiedet matul il-perjodu 2009-2013. L-ACM innotat ukoll li n-numru ta' tranżazzjonijiet fi prodotti tal-istess ġurnata fl-2013 żdied aktar mid-doppju meta mqabbel mal-2012.

([3]) Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

*Artikolu 2*

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Netherlands.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2017.

*Għall-Kummissjoni*

Elżbieta BIEŃKOWSKA

*Membru tal-Kummissjoni*